AVVIŻ TA' TAGĦRIF GĦALL-ISTAMPA

**21 ta' Frar 2025**

## L-Iffirmar ta' Ftehim Kollettiv ġdid għall-ħaddiema tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika

Wara proċess qasir iżda intensiv ta' negozjati, l-Awtorità tal-Istatistika ta' Malta (MSA) u l-Union Ħaddiema Magħqudin (UĦM) iffirmaw ftehim kollettiv ġdid ta' sitt snin f'isem il-ħaddiema kollha tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika (NSO). Il-firmatarji tal-ftehim kienu Dr Carl Camilleri bħala Chairman tal-MSA, is-Sur Etienne Caruana Direttur Ġenerali tal-NSO f'isem il-management, ir-rappreżentanti tal-union is-Sa Antoinette Aquilina u s-Sur Mario Sacco, u s-Sur Andre Caruana f'isem il-ħaddiema tal-NSO. L-iffirmar tal-ftehim sar fil-preżenza tas-Sur Paul Zahra, Segretarju Permanenti tal-Ministeru għall-Finanzi.







Il-ftehim kollettiv jibni fuq il-kisbiet tal-imgħoddi, filwaqt li jippermetti lill-organizzazzjoni tissodisfa d-domandi dejjem jikbru għall-istatistika, kemm fuq livell lokali kif ukoll internazzjonali. Għalhekk, il-ħaddiema tal-NSO sa jibbenefikaw minn pakkett ta' remunerazzjoni u opportunitajiet ta' taħriġ aħjar, filwaqt li joperaw f'ambjent ta' xogħol f'saħħtu. Matul l-aħħar snin, sar sforz sinifikanti biex jissaħħaħ il-benesseri tal-ħaddiema, u l-organizzazzjoni sa tkompli tagħfas biex ittejjeb l-istandards.

L-aktar riżorsa siewja li għandu l-NSO huma l-ħaddiema tiegħu. Dan il-ftehim kollettiv jorbot mal-istrateġija ta' modernizzazzjoni tal-NSO. L-Uffiċċju qed jinvesti f'teknoloġija mill-aktar avvanzata biex itejjeb l-effiċjenza fil-produzzjoni tal-istatistika, filwaqt li joħloq opportunitajiet kemm ta' impjieg kif ukoll ta' taħriġ.

Nittamaw li l-ftehim kollettiv iwassal biex aktar adoloxxenti jagħżlu korsijiet ta' tagħlim f'oqsma xjentifiċi bbażati fuq id-data, bħall-istatistika, l-ekonomija, u x-xjenza tad-data.

L-iffirmar ta' dan il-ftehim kollettiv ma setax isir mingħajr il-professjonaliżmu u l-koperazzjoni murija mit-Taqsima tar-Relazzjonijiet Industrijali (IRU) fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru, u l-UĦM – Voice of the Workers waqt in-negozjati. Ringrazzjament speċjali jmur ukoll lill-Ministeru għall-Finanzi, għall-appoġġ kontinwu tiegħu għal inizjattivi differenti li jieħdu l-NSO u l-MSA.




Fl-aħħar u mhux l-inqas, wieħed irid jirringrazzja lir-rappreżentanti tal-istaff li ħadmu bis-sħiħ biex dan il-ftehim jintlaħaq.